A.L. 392 tal-2018

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru responsabbli għall-Pulizija għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra u għandhom jinqrawu jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra, hawn iktar `il quddiem imsemmija bħala "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 480.01.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 7A tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 7A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-marka unika msemmija fis-subregolament 1 għandha tinkludi l-isem tal-manifattur jew il-marka kummerċjali, il-pajjiż jew il-post tal-manifattura, in-numru tas-serje u s-sena tal-manifattura, sakemm din ma tkunx diġà parti min-numru tas-serje, u l-mudell fejn fattibbli. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għaż-żieda tal-marka kummerċjali tal-manifattur. Meta komponent essenzjali jkun żgħir wisq biex jiġi mmarkat f'konformità ma' dan ir-regolament, għandu tal-inqas jiġi mmarkat b'numru tas-serje jew kodiċi alfanumeriku jew diġitali:

Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għall-oġġetti li jaqgħu taħt l-Iskeda II, it-Taqsima I, il-partiti 7 u

8, l-Iskeda II, it-Taqsima II u l-Iskeda III, eskluża il-partita 2:

Iżda wkoll dan l-immarkar mhuwiex meħtieġ għal armi tan-nar li huma antiki, artistiċi, storiċi jew rari, kif ukoll armi tan-nar oħra meqjusa mill-Bord dwar l-Armi bħala mhux adattati għal dak l-immarkar.";

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) L-armi tan-nar trasferitimill-ħażna tal-Gvern għall-użu ċivili għandhom jiġu mmarkati bl-isem tal-entità li tittrasferixxi, MPF MT, għal armi trasferiti mill-Korp tal-Pulizija, AFM MT, għal armi trasferiti mill-Forzi Armati ta' Malta u CF MT għal armi trasferiti mis-Servizzi Korrettivi f'Malta. Is-sena tat-trasferiment tal-armi tan-nar mill-użu tal-Gvern għal dak ċivili għandu wkoll jiġi mmarkat:

Iżda l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għall-oġġetti li jaqgħu taħt l-Iskeda II, it-Taqsima I, il-partiti 7 u 8, l-Iskeda II, it-Taqsima II u l-Iskeda III eskluża il-paritita 2 tal-Att:

Iżda wkoll l-ebda mmarkar bħal dak ma jkun meħtieġ għal armi artistiċi, storiċi jew rari, kif ukoll armi tan-nar oħra meqjusa mill-Bord dwar l-Armi bħala mhux adattati għal dak l-immarkar.".;

(ċ) is-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (2), (3), (4) u (5) rispettivament u minnufih qabel is-subregolament (2) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Fir-rigward tal-armi tan-nar manifatturati jew importati f'Malta minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea fi jew wara l-14 ta' Settembru 2018, għandu jiġi żgurat li kwalunkwe arma tan-nar, jew kwalunkwe komponent essenzjali, li jkun ġie introdott fis-suq ikun ġie:

(a) mogħti marka unika, li tkun ċara u permanenti, mingħajr dewmien wara l-manifattura u l-aktar tard qabel l-introduzzjoni fis-suq tiegħu, jew mingħajr dewmien wara l-importazzjoni f'Malta minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea; u

(b) irreġistrat f'konformità ma' dan l-Att mingħajr dewmien wara l-manifattura u l-aktar tard qabel

l-introduzzjoni fis-suq tiegħu, jew mingħajr dewmien wara l-importazzjoni f'Malta minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Il-pass dwar l-armi tan-nar maħruġ lill-parteċipanti ta' reċtar f'avvenimenti storiċi għandu jawtorizza l-armi tan-nar segwenti klassifikati taħt il-Katergorija Ċ tad-Direttiva (UE) 2017/853 dwar l-armi tan-nar, jiġifieri:

(a) Armi tan-nar twal repeating, barra armi tan-nar twal repeating u semi-awtomatiċi b'kanen smoothbore li għandhom tul ta' 60 cm jew anqas;

(b) armi tan-nar twal b'kanen rifled ta' tir wieħed;

(ċ) Armi tan-nar twal semi-awtomatiċi b'rimfire u centre-fire li l-apparat tal-ikkargar u c-chamber tagħhom, flimkien, ma jaqbżux il-kapaċità ta' tlett balal;

(d) aArmi tan-nar ta' tir wieħed b'*rim fire percussion* li t-tul kollu tagħhom ma jkunx anqas minn 28 ċm;

(e) armi tan-nar diżattivati;

(f) armi tan-nar twal b'kanen *smoothbore* ta' tir wieħed.";

(b) is-subregolamenti (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (9) u (10) rispettivament u minnufih wara għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(5) Il-pass dwar l-armi tan-nar maħruġ lill-kaċċaturi għandu jawtorizza l-armi tan-nar segwenti klassifikati taħt il-Katergorija Ċ tad-Direttiva dwar l-Armi, jiġifieri:

(a) Armi tan-nar twal repeating, barra armi tan-nar twal repeating u semi-awtomatiċi b'kanen smoothbore li għandhom tul ta' 60 cm jew anqas;

(b) Armi tan-nar twal semi-awtomatiċi b'rimfire u

centre-fire li l-apparat tal-ikkargar u c-chamber tagħhom, flimkien, ma jaqbżux il-kapaċità ta' tlett balal;

(ċ) armi tan-nar twal b'kanen *smoothbore* ta' tir wieħed.

(6) Il-pass dwar l-armi tan-nar maħruġ lill-isparaturi fuq targets għandu jawtorizza l-armi tan-nar segwenti klassifikati taħt il-Katergoriji A, B u Ċ tad-Direttiva dwar l-Armi, jiġifieri:

(a) armi tan-nar taħt l-Iskeda I li jistgħu jiġu akkwistati minn detenturi ta' Liċenza A Speċjali ta' sparar fuq *targets*;

(b) armi tan-nar taħt l-Iskeda II eskluża l-partita 8;

(ċ) armi tan-nar taħt l-Iskeda III.

(7) Dan sakemm applikanti fir-rigward tas-subregolamenti 4, 5 u 6 ikunu:

(a) fil-pussess ta' pass dwar l-armi tan-nar li jelenka it-tali arma jew armi tan-nar; u

(b) jistgħu jissostanzjaw ir-raġunijiet għall-vjaġġ tagħhom, b'mod partikolari billi jipprovdu stedina jew prova oħra tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-kaċċa, sparar fuq *targets* jew reċtar ta' avvenimenti storiċi fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.

(8) Is-subregolamenti 4, 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal vjaġġi lejn Stat Membru li, jew jipprojbixxi l-akkwist u l-pussess tal-arma tan-nar inkwistjoni jew li jagħmilha soġġetta għal awtorizzazzjoni. F'dak il-każ għandha ssir dikjarazzjoni apposta fuq il-pass dwar tal-armi tan-nar. L-Istati Membri jistgħu wkoll jirrifjutaw l-applikazzjoni ta' din id-deroga fil-każ ta' armi tan-nar ikklassifikati fl-IsSkeda I Taqsima I partita 15.".